# MALTA POOL ASSOCIATION

## RANKING TOURNAMENTS 2024/25
## REGOLAMENTI GENERALI

1. Il-players kollha ta' kull kategorija tar-ranking tournaments, bl-eccezzjoni tal-kateogrija Under 18's, ghandhom ikunu registrati ma' clubs membri fl-assocjazzjoni kif ukoll ikunu attivi matul l-kampjonati tat-timijiet.

2. Il-'fixtures' tal-loghob jinhargu kollha bid-dati u hinijiet. L-assocjazzjoni ser tipprovdi possibilita ta' bdil fil-hinijiet u dati kif gej:

a) Bdil tal-hin tal-loghba minn dak mahrug mill-assocjazzjoni ghall-5.30 pm fl-istess data tal-loghob. L-assocjazzjoni tista tilqa sa' massimu ta' hames loghbiet li jintlaghbu f' dan il-hin.

b) Bdil tal-hin tal-loghba minn dak mahrug mill-assocjazzjoni ghall-hin f' wahda mis-sezzjonijiet, fl-istess gurnata, li jkollha mejda vojta. Dan jista jsehh biss meta loghob ikun ga gie pjanat li ser jintlaghab kmieni jew li mhux ser jintlaghab. Ghaldaqstant dan mhux dejjem huwa garantit li jista jsehh.

c) Players rebbieha ta' fazi jistghu jaslu fi qbil mal-player avversarju tal-fazi successiva u jilghabu l-loghba taghhom fl-istess gurnata tal-loghob li jkunu ghadhom kif spicca. L-assocjazzjoni ser tilqa sa' massimu ta' sitt loghbiet b' dan it-tip ta' ftehim li jsiru fl-istess gurnata. F' kaz ta' dan il-ftehim il-loghba tintlaghab fl-ahhar sezzjoni tal-gurnata. L-assocjazzjoni ma tiggarantiex li fil-hin ta' din l-estensjoni ta' loghob ikun hemm ufficjal tal-assocjazzjoni jassisti l-loghob kif ukoll li l-'heater' tal-mejda tal-loghob ikunu attiv. Dan it-tip ta' ftehim jista jsehh sal-fazi tal-kwarti tal-finali.

   Dawn il-possibilitajiet ta' tibdil ghandhom jigu notifikati lil u awtorizzati minn Vincent Degiorgio jew Charles Peresso. F' nuqqas ta' dan l-ebda tibdil ma jkun jista jsehh. L-assocjazzjoni jzomm id-dritt li tirrifjuta kull tibdil propost. L-ebda 'fixture' ma jista' jkollha d-data jew il-hin mibdul ghajr dawk il-possibilitajiet imsemmija hawn fuq.

3. Jinghataw 10 minuti zejda 'grace' fuq il-hin stipulat tal-loghba. Players li ma jkunux prezenti ghall-loghob sal-hin massimu jitilfu l-loghba u jigu kunsidrati li kkoncedew ir-rebha (walkover). L-ebda loghba, ghall-ebda raguni, ma' tista tintlaghab wara li tkun giet dikjarata 'walkover'.

4. Id-direttur tat-'tournament' ghandu jsejjah lill-players li jkun imiss fil-hin stipulat tal-loghba. Players li ma jkunux prezenti fil-hin, sahansitra jekk ma jkunx hemm imwejjed tal-loghob disponibli, jitilfu l-loghba u jigu kunsidrati li taw 'walkover'.

5. Players li ma jkunux prezenti ghal loghob jigu dikjarati li kkoncedew ir-rebha (walkover) u jiehdu l-punti tal-istess fazi tat-telfa.

6. Wara kull loghba l-player rebbieh ghandu jirraporta r-rizultat lid-direttur tat-'tournament'.

7. Fil-finali l-players irridu jilbsu qalziet (Jeans jew forma/ 'cut' ta' jeans mhux accettabli), polo shirt u zarbun iswed. Polo shirts bir-reklam ta' ghaqdiet ohra jew b' ismijiet li jkunu ta' kompetizzjoni ma' sponsors tal-assocjazzjoni ma jigux accettati.

8. Mis-semi finali l-quddiem jigu ntrodotti r-regolamenti tal- HIN ALLOKAT. Id-direttur tat-'tournament' izomm id-dritt li jintroduci dan ir-regolament f' fazijiet qabel jekk dan ikun mehtieg.

9. L-assocjazzjoni jzomm id-dritt li tibdel hinijiet u dati skont l-esigenzi necessarji taghha.

**TMIEM**